



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 27.3.2024
COM(2024) 144 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,
LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

pjan ta' azzjoni għal lawrja Ewropea

{SWD(2024) 74 final}

1. Introduzzjoni

L-edukazzjoni hija fundamentali għall-futur tal-UE. Hija pedament għas-sodisfazzjon personali, l-impjegabbiltà, l-eżitu u għal ċittadinanza attiva u responsabbli. Permezz tal-għoti ta' edukazzjoni ta' kwalità għolja, l-universitajiet¹ huma xempji tal-istil tal-ħajja Ewropea tagħna. Dan jinkludi l-promozzjoni tal-valuri akkademiċi u l-eċċellenza u tal-prattiki demokratiċi u d-drittijiet fundamentali, kif ukoll it-trawwim tal-ugwaljanza, id-diversità u l-inklużjoni.

Il-kompetittività u l-prosperità tal-Ewropa jiddependu fuq il-ħiliet li jibqgħu validi fil-futur tal-ġenerazzjonijiet attwali u li jmiss biex jaċċelleraw u jisfruttaw it-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, jikkompensaw għat-tendenzi demografiki, u biex jiżguraw l-awtonomija strateġika miftuħa tal-Ewropa f'oqsma ewlenin. L-edukazzjoni hija wkoll kruċjali għall-iżvilupp ekonomiku u soċjali u r-reżiljenza tal-pajjiżi li jaspiraw li jissieħbu fl-UE. **Irridu nkunu lesti li mmexxu din il-bidla u nsawru l-futur.**

Hekk kif l-isfidi ewlenin ta' żminijietna qed isiru dejjem aktar globali, u hekk kif l-Ewropa teħtieġ li ssaħħaħ l-awtonomija strateġika miftuħa tagħha, **l-edukazzjoni tranżnazzjonali** m'għadhiex għażla "sabiħa li jkollna" iżda ssir neċessità. Hija kundizzjoni biex il-ġenerazzjonijiet futuri jiġu mgħammra bil-kompetenzi u l-ħiliet li s-soċjetajiet Ewropej se jkollhom bżonn sabiex jirnexxu f'dinja dejjem aktar interkonnessa.

L-UE qed tikkompeti ma' oqsma oħra tal-edukazzjoni fid-dinja. Il-kapaċità tagħha li tattira l-aħjar talent tiddependi, parzjalment, fuq il-lawrji li l-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja tagħha jistgħu joffru. Huwa għalhekk li ħafna universitajiet fl-Ewropa jfittxu **li jiġbru flimkien l-għarfien espert u li jgħaqqu l-forzi komplementari** li mhumiex disponibbli fl-ebda istituzzjoni, **biex jipprovdu lill-gradwati u lill-istudenti tul il-ħajja b'ħiliet strateġiċi għall-futur tagħhom.**

Mit-tnedija taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni fl-2020, sar progress notevoli. Il-kooperazzjoni tranżnazzjonali kienet fattur ewleni wara r-riformi biex jiġi ffaċilitat u appoġġjat **il-ħolqien ta' mudelli innovattivi bħall-alleanzi tal-Universitajiet Ewropej li dalwaqt se jkunu 60²**, bl-involvement ta' madwar 500 istituzzjoni tal-edukazzjoni għolja mill-partijiet kollha tal-Ewropa, mill-bliet kapitali għaż-żoni rurali. Huma jaġixxu bħala **pjunieri għas-settur kollu tal-edukazzjoni għolja.**

Il-kooperazzjoni bejn l-universitajiet bejn il-fruntieri tista' tiżviluppa b'ħafna modi differenti. L-aktar forom ambizzjużi tal-għoti ta' edukazzjoni konġunta bejn il-pajjiżi, huma programmi li jwasslu għal lawrja konġunta. Madankollu, ostakli legali u amministrattivi sinifikanti jkomplu jagħmlu l-għoti ta' dawn il-lawrji diffiċli. Dan qed **iżomm lura t-trasformazzjoni meħtieġa fis-settur tal-edukazzjoni għolja tal-Ewropa.** L-istrateġija Ewropea għall-universitajiet³, adottata fl-2022, stabbiliet azzjonijiet ambizzjużi biex tinkiseb Żona Ewropea tal-Edukazzjoni fl-edukazzjoni għolja, bl-intenzjoni li tiġi żviluppata **lawrja Ewropea.** Din il-komunikazzjoni tpoġġi din l-intenzjoni f'azzjoni billi tipprovdi pjan ta' azzjoni ċar biex lawrja Ewropea ssir realtà.

¹ It-terminu "università" jintuża bħala referenza għas-settur usa', li jirrappreżenta l-qasam kollu tal-edukazzjoni terzjarja, u b'hekk jinkludi kull tip ta' istituzzjoni ta' edukazzjoni għolja, li jinkludu universitajiet ta' riċerka, kulleġġi universitarji, universitajiet tax-xjenzi applikati, edukazzjoni vokazzjonali għolja u istituzzjonijiet ta' taħriġ, u istituzzjonijietgħolja tal-arti.

² [Inizjattiva tal-Universitajiet Ewropej.](#)

³ [Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar strateġija Ewropea għall-universitajiet, tat-18 ta' Jannar 2022, COM\(2022\) 16 final.](#)

Il-lawrja Ewropea, hija tip ta' kwalifika ġdida li għandha tiġi minquxa fil-leġiżlazzjoni nazzjonali, tagħmilha aktar faċli għall-universitajiet minn pajjiżi differenti biex jikkooperaw mingħajr problemi u jiżviluppaw programmi konġunti innovattivi li jwasslu għal lawrja konġunta, b'rispett sħiħ tal-awtonomija istituzzjonali tagħhom u tal-kompetenzi ta' Stat Membru jew gvernijiet reġjonali. Lawrja Ewropea bħal din tikkontribwixxi wkoll għall-bini ta' **identità Ewropea komuni u sens ta' appartenenza Ewropew aktar b'saħħtu.**

Tkun ibbażata fuq kriterji Ewropej maqbula komunement li jirriflettu r-rilevanza tal-esperjenza tat-tagħlim, l-impenn għal valuri komuni u l-eċċellenza tal-arranġamenti ta' kooperazzjoni bejn l-universitajiet. Tkompli tavvanza fehim kondiviż tal-ħtiġijiet tal-UE f'termini ta' rekwiżiti akkademiċi u ta' ħiliet, skont l-istrateġija Ewropea għall-universitajiet. Tista' twassal għar-reviżjoni u biex jiġu indirizzati d-disparitajiet eżistenti li bħalissa jillimitaw il-kapaċità tal-universitajiet biex jikkooperaw fl-Ewropa.

Il-lawrja Ewropea tkun tinkludi **sforzi kollaborattivi, approċċi interdixiplinari, u perspettivi internazzjonali**, li kollha jenfasizzaw ir-rieda tal-Ewropa li tappoġġja u tiżviluppa forza tax-xogħol Ewropea b'ħiliet oġhla, adattabbli u globalment kompetittiva. Programmi edukattivi konġunti li jwasslu għal lawrja Ewropea jkollhom il-potenzjal li jattiraw studenti minn madwar id-dinja u jgħinu biex jinstabu t-talenti meħtieġa għall-ekonomija tagħna, li hija partikolarment pertinenti f'oqsma kritiċi ta' teknoloġija kruċjali għall-kompetittività u s-sovranità teknoloġika tagħna. Fl-istess ħin, l-offerta ta' lawrja Ewropea tagħti spinta wkoll lill-mobbiltà għal tagħlim fl-UE, tindirizza l-ħtiġijiet tar-reġjuni li qed iħabbtu wiċċhom ma' nassa tal-iżvilupp tat-talenti⁴, u tgħin biex tintlaħaq id-domanda tas-suq tax-xogħol għal gradwati b'mentalità Ewropea u globali.

Din il-Komunikazzjoni, flimkien ma' żewġ proposti għal rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill, waħda dwar sistema Ewropea ta' assigurazzjoni u rikonossiment tal-kwalità fl-edukazzjoni għolja, u oħra dwar karrieri attraenti u sostenibbli fl-edukazzjoni għolja, huma pass kbir lejn il-kisba taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni.

Filwaqt li l-proposti għaż-żewġ rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill imorru lil hinn mill-ambizzjoni li tiġi żviluppata lawrja Ewropea u huma rilevanti għat-tipi kollha ta' istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja u l-edukazzjoni li jipprovdu, huma interkonnessi mill-qrib. Sistema ta' assigurazzjoni u rikonossiment tal-kwalità hija kruċjali biex tinbena l-fiduċja fi programmi edukattivi konġunti. Professjonisti akkademiċi b'ħiliet għolja u motivati huma essenzjali biex jipprovdu tagħlim u riċerka ta' kwalità għolja fl-universitajiet tagħna. Il-programmi konġunti spiss ma jitqisux bħala parti mill-attivitajiet ewlenin tal-persunal akkademiku u għalhekk jistgħu jkunu ta' piż addizzjonali, u għaldaqstant hemm il-ħtieġa għal rikonossiment u inċentivi addizzjonali.

2. Lawrja Ewropea: element ewlieni biex tinkiseb iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni u biex tingħata spinta lill-kompetittività u l-attraenza tal-Ewropa

Lawrja Ewropea sservi bħala strument strateġiku biex tinkiseb **iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni**, spazju komuni u inklużiv għal edukazzjoni ta' kwalità u mobbiltà għal tagħlim bejn il-fruntieri għal kulħadd, b'sistemi tal-edukazzjoni u ta' taħriġ interkonnessi mill-qrib. Ittejjeb il-

⁴ [Inforegio - Sfruttar tat-talent fir-reġjuni tal-Ewropa \(europa.eu\)](https://europa.eu/foregio)

kompetittività u l-attrawenza tas-settur tal-edukazzjoni għolja tal-UE, filwaqt li tibni fuq snin ta' esperjenza ta' kooperazzjoni permezz ta' programmi tal-UE.

2.1. Żieda fl-impjegabbiltà u r-rilevanza tal-ħiliet

L-impjegaturi, inklużi l-kumpaniji multinazzjonali u l-SMEs, ifittxu individwi b'taħlita ta' ħiliet trasversali (intelliġenza kulturali, ħsieb kritiku, ħiliet għas-soluzzjoni tal-problemi, kreattività, u adattabbiltà) – **li kollha huma ħiliet li mistennija jkunu meħtieġa biex jintlaħqu l-miri tat-tranżizzjoni ekoloġika tal-UE skont il-Previżjoni tal-ħiliet tal-OECD tal-2023**. It-tiżiħ tal-kapaċità tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja biex jgħammru aktar nies b'dawn il-ħiliet jgħin biex tintlaħaq din id-domanda.

Il-lawrja Ewropea tappoġġja l-ħolqien ta' aktar programmi konġunti li jirriflettu d-domandi ta' ekonomija bbażata fuq l-għarfien. Il-kriterji sottostanti Ewropej maqbula komunement jistinkaw biex iżidu l-impjegabbiltà tal-gradwati billi jgħammruhom b'kompetenzi u ħiliet li jibqgħu validi fil-futur li huma mfittxija b'mod partikolari mill-impjegaturi.

L-evidenza minn studji u stħarriġiet miġbura fid-dokument ta' ħidma tal-persunal li jakkumpanjah turi li l-gradwati minn programmi konġunti tranżnazzjonali jirrapportaw l-akbar impatt fuq il-karrieri u l-esperjenzi interkulturali tagħhom minn ħiliet imtejba relatati mal-impjegi (bħal-lingwa, il-ħsieb kritiku, il-ħiliet speċifiċi għas-settur jew għall-qasam, il-ħiliet ta' komunikazzjoni, analitiċi u ta' soluzzjoni tal-problemi) u kapaċitajiet personali u interkulturali mtejba, inkluż id-disponibilità għal sfidi ġodda, it-tolleranza, il-kunfidenza, u l-għarfien akbar tal-forzi u d-dgħufijiet tagħhom stess.

Din it-taħlita ta' ħiliet u kompetenzi trażversali u speċifiċi għas-settur **iżid l-impjegabbiltà tal-istudenti fuq skala Ewropea. Lawrja Ewropea tagħmel lill-gradwati aktar attraenti għal impjegaturi futuri. Tkun sinonima ma' programmi ta' kwalità għolja li jħejju individwi b'ħiliet għolja b'mentalità Ewropea u globali.**

Fil-qosor: il-lawrja Ewropea tappoġġja l-ħolqien ta' programmi konġunti rilevanti għas-suq tax-xoġhol. Il-kompetenzi ewlenin assoċjati ma' lawrja Ewropea jippożizzjonaw lill-gradwati bħala professjonisti mfittxija kemm fis-suq tax-xoġhol Ewropew u kemm f'dak globali fejn jispikkaw bħala kkwalfikati ħafna b'taħlita ta' kapaċità biex isolvu l-problemi, adattabbiltà, ħiliet multilingwi, sensibilizzazzjoni multikulturali, u għarfien espert interdixxiplinari li jallinja bla problemi mad-domandi li qed jinbidlu tal-forza tax-xoġhol globali.

2.2. Tinqata' l-burokrazija għal aktar trasparenza u viżibbiltà tas-sistemi tal-edukazzjoni għolja

ħafna universitajiet li jixtiequ japprofondixxu l-kooperazzjoni tranżnazzjonali **jitħabtu mad-diskrepanzi fil-leġislazzjoni nazzjonali**. Dan jieħu r-riżorsi u jfixkel mix-xoġhol reali tagħhom. Billi nissimplifikaw ix-xoġhol għall-universitajiet, nistgħu nużaw riżorsi prezzjużi għall-benefiċċju tat-tagħlim u r-riċerka.

Fi stħarriġ tal-Ewrobarometru tal-2018, 92 % tal-universitajiet identifikkaw l-eliminazzjoni tal-ostakli legali u amministrattivi għas-šubijiet istituzzjonali strateġiċi internazzjonali bħala kwistjoni ewlenija li tagħti spinta lill-kooperazzjoni tranżnazzjonali⁵.

⁵ [Stħarriġ tal-Ewrobarometru tal-2018](#).

Minkejja 25 sena ta' kooperazzjoni fi ħdan il-proċess intergovernattiv ta' Bolonja, u l-iżvilupp ta' diversi għodod biex tittejjeb it-trasparenza tas-sistemi nazzjonali tal-edukazzjoni għolja, l-assigurazzjoni tal-kwalità tal-offerti edukattivi u r-rikonossiment tal-lawrji, għad hemm sfidi sinifikanti. Il-progress fiż-Żona Ewropea ta' Edukazzjoni Għolja ġie mxekkel minn livelli differenti ta' implimentazzjoni bejn u fi ħdan il-pajjiżi. L-UE teħtieġ li timxi lil hinn u aktar malajr biex tippermetti lill-universitajiet tagħha jikkooperaw mingħajr problemi u b'mod effiċjenti.

Fi studju reċenti⁶, 92 % tal-awtoritajiet nazzjonali u reġjonali mistħarrġa wiegħbu li lawrja Ewropea tista' ttejjeb l-implimentazzjoni tal-għodod eżistenti ta' Bolonja, 84 % jgħidu li din ittejjeb ir-reputazzjoni globali tal-edukazzjoni għolja Ewropea, u 88 % jgħidu li din tgħin biex tiffaċilita l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali dwar il-politiki edukattivi.

Il-proġetti ta' esperimentazzjoni tal-politika tal-Erasmus+⁷ imwettqa flimkien ma' 140 istituzzjoni tal-edukazzjoni għolja juru li lawrja Ewropea tista' tissimplifika l-proċessi u taqta' l-burokrazija fil-ħolqien ta' programmi ta' lawrji konġunti b'perkors ċar u komuni li jiżgura li t-tipi kollha ta' universitajiet fl-Ewropa jkunu jistgħu jaħdmu flimkien b'mod effiċjenti.

Fil-qosor: il-lawrja Ewropea hija mod biex jiġu ssimplifikati l-proċessi u tinqata' l-burokrazija fil-ħolqien ta' programmi ta' lawrji konġunti, filwaqt li jiġi żgurat li l-universitajiet fl-Ewropa jkunu jistgħu jaħdmu flimkien b'mod effiċjenti. Min-naħa l-oħra, dan se jappoġġja l-iżvilupp ta' aktar programmi konġunti li jkunu ta' benefiċċju għal numru akbar ta' studenti.

2.3. Mutur għall-kooperazzjoni strateġika, il-kompetittività globali, u l-attraenza

Il-lawrja Ewropea se tippermetti lill-universitajiet isawru **kooperazzjoni aktar profonda ma' sħab** aktar malajr u sempliċi, li se **żżid il-prestazzjoni u l-eċċellenza tagħhom għall-attraenza u l-kompetittività globali.**

L-Indiċi ta' Kooperazzjoni fl-Edukazzjoni Għolja tal-U-Multirank⁸ juri li l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja li jaħdmu flimkien ma' istituzzjonijiet oħra, negozji, industrij, gvernijiet, korpi reġjonali, u bejn il-fruntieri, għandhom prestazzjoni aħjar minn dawk li huma inqas iffukati fuq il-kooperazzjoni. Hekk kif aktar u aktar universitajiet jipprijoritizzaw il-kollaborazzjoni, il-ħidma flimkien fi ħdan l-UE tkun mistennija li tkun l-aktar għażla faċli. Attwalment, hemm universitajiet li jirrapportaw li jista' jkun aktar faċli li jiġu stabbiliti programmi ta' lawrji konġunti ma' sħab mhux tal-UE.

Il-pass tal-progress teknoloġiku qed ikompli jaċċellera, filwaqt li jmur lil hinn mill-fruntieri tradizzjonali bejn is-suġġetti u d-dixxiplini. Il-ħidma fost is-suġġetti **b'approċċ interdixxiplinari** tista' twassal għal għarfien ġdid, toffri soluzzjonijiet ġodda għall-isfidi ta' dinja kumplessa, u twassal għall-iżvilupp ta' ħiliet ġodda. Karatteristika ewlenija tal-lawrja Ewropea tkun dik li jinkisbu aħjar il-benefiċċji tal-kooperazzjoni interdixxiplinari, ibbażata fuq l-aktar approċċ innovattiv ta' tagħlim u riċerka fl-edukazzjoni għolja moderna. Lawrja Ewropea, bbażata fuq dan

⁶ [Kommissjoni Ewropea, Direttorat Ġenerali għall-Edukazzjoni, iż-Żgħażaġh, l-Ispport u l-Kultura, Burneikaitė, G., Pocius, D., Potapova, E. et al., The road towards a possible joint European degree – Identifying opportunities and investigating the impact and feasibility of different approaches – Rapport finali, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2023.](#)

⁷ [Tikketta ta' Lawrja Ewropea konġunta u status legali għall-alleanzi tal-Universitajiet Ewropej: għaxar proġetti tal-Erasmus+ biex dawn jiddaħħlu fis-seħħ.](#)

⁸ [U-Multirank](#). L-indikaturi użati huma sħubijiet strateġiċi, lawrji konġunti internazzjonali, internships, kopubblikazzjonijiet internazzjonali, kopubblikazzjonijiet ma' sħab industrijali, kopubblikazzjonijiet reġjonali, u koprivattivi mal-industrija.

L-approċċ, issaħħaħ il-kapaċità tal-innovazzjoni tal-Ewropa u, fuq medda twila ta' żmien, il-kompetittività globali tagħha.

Fil-qosor: il-lawrja Ewropea tteġġegħ il-ħolqien ta' ħafna aktar programmi ta' lawrji konġunti li huma kompetittivi u attraenti globalment, kemm għall-Ewropej kif ukoll għal ċittadin ta' pajjiż terz, u li jgħammru lill-Ewropa bit-talenti u l-ħiliet li teħtieġ biex tiffjorixxi, tkun innovattiva u tikber.

3. Lawrja Ewropea: parametri ewlenin u valur miżjud

3.1. Xi tkun lawrja Ewropea?

Lawrja Ewropea tkun:

- **mogħtija bħala lawrja konġunta fil-livell nazzjonali, reġjonali jew istituzzjonali, bħal kwalunkwe lawrja oħra**, b'rispett sħiħ tal-prinċipji ta' sussidjarjetà, l-awtonomija istituzzjonali u l-libertà akkademika.
- **mogħtija fuq bażi volontarja minn universitajiet li jaħdmu flimkien madwar l-UE**, li jiċċertifikaw l-eżiti tat-tagħlim miksuba bħala parti minn **programmi tranżnazzjonali**.
- **abbażi ta' sett ta' kriterji komuni⁹ miftiehma fil-livell Ewropew** u applikati għall-programm konġunt tal-lawrji. Dawn il-kriterji Ewropej jirriflettu fehim komuni u ħtiġijiet speċifiċi biex il-forza tax-xogħol tal-Ewropa tiġi mgħammra b'kompetenzi u ħiliet rilevanti biex jagħtu spinta lill-kapaċità ta' innovazzjoni tagħha, b'mod partikolari fid-dawl tat-tranżizzjoni doppja. L-aċċessibbiltà u l-attraenza għall-istudenti minn kull sfond, inklużi dawk b'inqas opportunitajiet, jiġu promossi permezz tal-kriterji ta' inklużività.
- **permessa mil-leġiżlazzjoni nazzjonali rilevanti tal-edukazzjoni għolja appoġġjata minn oqfsa nazzjonali tal-kwalifiki¹⁰** biex l-istituzzjonijiet ikunu jistgħu jakkreditaw u jagħtu tali lawrji, flimkien ma' lawrji nazzjonali oħra, fil-livelli ta' **Baċċellerat, Master, u Dottorat**.
- **preferibbilment imwassla f'format diġitali¹¹**.
- **rikonoxxuta awtomatikament¹²** madwar l-UE.

3.2. Lawrja Ewropea waħda, ħafna benefiċċji

Ġew identifikati bosta benefiċċji u opportunitajiet assoċjati mal-ħolqien ta' lawrja Ewropea permezz **tar-riċerka, 40 rawnd ta' konsultazzjoni mal-partijiet interessanti, sejħa għal**

⁹ Fl-2022 ġie żviluppat sett ta' kriterji mal-Istati Membri u mal-partijiet interessati fl-edukazzjoni għolja. Dawn ġew ittestjati minn sitt proġetti pilota ta' esperimentazzjoni tal-Erasmus+ bejn April 2023 u Marzu 2024. Il-proġetti pilota pproponew bidliet fil-kriterji li jirriżultaw fil-lista stabbilita fl-Anness 2 tal-proposta għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-assigurazzjoni tal-kwalità u r-rikonoxximent.

¹⁰ [Oqfsa Nazzjonali tal-Kwalifiki \(QNK\)](#) ifisser strument għall-klassifikazzjoni tal-kwalifiki skont sett ta' kriterji għal livelli speċifiċi ta' tagħlim miksub, li għandu l-għan li jintegra u jikkordina s-sottosistemi nazzjonali tal-kwalifiki u jtejjeb it-trasparenza, l-aċċess, il-progressjoni u l-kwalità tal-kwalifiki fir-rigward tas-suq tax-xogħol u s-soċjetà ċivili.

¹¹ Il-format diġitali għandu jkun sigur u kompatibbli mal-Mudell Ewropew tat-Tagħlim bħala mudell ta' data multilingwi fil-qasam tat-tagħlim.

¹² [Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-26 ta' Novembru 2018 dwar il-promozzjoni tar-rikonoxximent reċiproku awtomatiku ta' kwalifiki tal-edukazzjoni għolja u tal-edukazzjoni u t-taħriġ fil-livell sekondarju għoli u l-eżiti tal-perjodi ta' apprendiment barra mill-pajjiż \(ĠU C 444, 10.12.2018, p. 1\).](#)

evidenza, u s-sejbiet preliminari minn proġetti ta' esperimentazzjoni tal-politika tal-Erasmus+ li għaddejjin bħalissa.

Is-sejbiet jenfasizzaw entużjażmu konsiderevoli mill-universitajiet għal perkors lejn simplifikazzjoni akbar u sħubija strateġika mtejbja. L-istudenti jappellaw biex il-programmi konġunti jkunu ħafna aktar disponibbli. L-impjegaturi jesprimu interess qawwi fi strument viżibbli u faċli biex jinftiehem li effettivament jgħammar lill-ħaddiema futuri b'kompetenzi fuq il-post tax-xogħol ta' valur għoli.

Lawrja Ewropea jkollha l-benefiċċji li ġejjin:

Għall-istudenti:

L-istudenti jkunu fil-qalba tal-lawrja Ewropea, li tagħtihom l-opportunità li jkunu parti minn diversi komunitajiet akkademiċi, u b'hekk jikkontribwixxu għal Żona Ewropea tal-Edukazzjoni aktar diversa u interkonnessa. Fi sħarriġ reċenti¹³, disa' minn kull għaxar studenti identifikaw dawn li ġejjin bħala l-benefiċċji potenzjali ewlenin ta' lawrja Ewropea:

- il-ħolqien ta' aktar opportunitajiet ta' studju f'diversi pajjiżi Ewropej, b'rikonnoxximent awtomatiku tal-kreditu;
- il-faċilitazzjoni tal-offerta ta' programmi ta' studju konġunti innovattivi u esperjenza akkademika bla problemi fil-kampusijiet; u
- l-akkwist ta' ħiliet u kompetenzi li jwasslu għal impjegabbiltà oġhla madwar id-dinja.

Għal min iħaddem u n-negozji japprezzaw ħafna l-kunċett ta' lawrja Ewropea, li jfisser sett speċifiku ta' kompetenzi trażversali apprezzati. Mill-perspettiva tagħhom, lawrja Ewropea twassal għal:

Min iħaddem u n-negozji japprezzaw ħafna l-kunċett ta' lawrja Ewropea, li jfisser sett speċifiku ta' kompetenzi trażversali apprezzati. Mill-perspettiva tagħhom, lawrja Ewropea twassal għal:

- reklutaġġ aktar faċli b'aktar trasparenza u ċarezza bis-saħħa ta' lawrja Ewropea li tkun faċli biex tinqara u tinftiehem, meta mqabbla ma' lawrji multipli għall-istess programm ta' studju;
- aktar attraenza tal-Ewropa bħala destinazzjoni għal studenti b'talent biex ikunu mgħammra b'ħiliet rilevanti għas-suq tax-xogħol Ewropew; u
- aktar-possibbiltajiet ta' ħidma mal-universitajiet eż. bil-parteciċipazzjoni fit-tfassil tal-kurrikuli.

¹³ [Kummissjoni Ewropea, Direttorat Ġenerali għall-Edukazzjoni, iż-Żgħażaġh, l-Isport u l-Kultura, Burneikaitė, G., Pocius, D., Potapova, E. et al., The road towards a possible joint European degree – Identifying opportunities and investigating the impact and feasibility of different approaches – Rapport finali, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2023.](#)

Għall-persunal akkademiku:

Lawrja Ewropea mhux biss issawwar il-vjaġġ akkademiku għall-istudenti iżda wkoll ix-xenarju għall-akkademiċi u l-persunal universitarju u tagħti s-setgħa lill-akkademiċi biex jinnavigaw il-kumplessitajiet ta' xenarju akkademiku globalizzat. L-analiżi mir-Reġistru Ewropew tal-Edukazzjoni Terzjarja ta' 1,500 università turi li l-internazzjonalizzazzjoni tal-persunal akkademiku mhijiex uniformi fost it-tipi ta' istituzzjonijiet u pajjiżi.

Għall-persunal akkademiku, lawrja Ewropea għib magħha:

- aktar opportunitajiet għall-mobbiltà, biex jiġu ttestjati pedagogiġi ġodda u esperjenzi attraenti ta' taġġim;
- Inqas problemi burokratiċi, li jippermettu lill-akkademiċi jiffukaw fuq il-kontenut u l-kwalità tal-kooperazzjoni aktar milli fuq l-amministrazzjoni tagħha; u
- it-trasferiment tal-għarfien u t-titjib tal-ħiliet, il-promozzjoni ta' kultura ta' taġġim kontinwu u żvilupp professjonali permezz ta' kooperazzjoni tranżnazzjonali.

Għall-universitajiet:

L-universitajiet qed jappellaw għal modi aktar sempliċi biex jaħdmu flimkien. Billi tipprovdi flessibbiltà u żżomm standards ta' kwalità, filwaqt li tippermetti qafas komuni u simplifikat biex tinbena kooperazzjoni għida, lawrja Ewropea tippermetti lill-universitajiet:

- jiġbru flimkien ir-riżorsi biex joffru opportunitajiet li ma setgħux joffru waħedhom;
- ineħħu l-ostakli bla bżonn għat-twaqqif ta' programm ta' lawrja ma' diversi universitajiet;
- jinkorporaw il-perjodi ta' taġġim barra mill-pajjiż fil-kurrikuli; u
- jiżguraw rikonoxximent awtomatiku madwar l-UE ta' dawn il-kwalifiki.

Għall-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha:

L-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja huma strumentali fil-bini ta' konnessjonijiet fl-Ewropa u mad-dinja u fil-promozzjoni tal-valuri u l-istil ta' ħajja tal-Ewropej globalment. L-iffaċilitar tal-ħolqien ta' aktar programmi ta' lawrji konġunti jgħin biex jattira u jżomm aktar talent fl-Ewropa, u fir-reġjuni Ewropej fit-nases tal-iżvilupp tat-talenti, filwaqt li jappoġġja l-kooperazzjoni mal-universitajiet u s-sistemi madwar id-dinja kollha. Lawrja Ewropea:

- issaħħaħ is-sens ta' identità u appartenenza Ewropea;
- issaħħaħ il-kompetittività u r-reputazzjoni globali tas-sistemi tal-edukazzjoni għolja Ewropej, li tippermettilhom jibnu offerti edukattivi konġunti aktar kompetittivi, filwaqt li jattiraw aktar talent minn pajjiżi mhux tal-UE;
- trawwem mobbiltà bbilanċjata tal-istudenti u tat-talenti fl-UE u lil hinn minnha; u
- trawwem spirtu Ewropew ta' kooperazzjoni fiż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni.

4. It-tneħħija tal-ostakli għal lawrja Ewropea – l-isfidi li jridu jingħelbu

4.1. Rikkezza ta' evidenza empirika

Għad hemm wisq ostakli fil-perkors lejn kooperazzjoni tranżnazzjonali bla problemi u aktar profonda fiż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni, kif diskuss fit-taqsimha li ġejja. L-evidenza għal dan ħarġet wara aktar minn 3 snin ta' konsultazzjonijiet mal-partijiet interessati tal-edukazzjoni għolja, u speċjalment mill-universitajiet involuti f'kooperazzjoni tranżnazzjonali profonda, bħall-alleanzi tal-Universitajiet Ewropej jew il-programmi tal-Masters Konġunti tal-Erasmus Mundus. Huma qed jappellaw għal soluzzjonijiet biex jingħelbu l-kumplessitajiet li jiffaċċjaw.

Ħafna minn dawn l-ostakli kienu diġà ġew identifikati fil-kuntest tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2022 dwar il-bini ta' konnessjonijiet għal kooperazzjoni effettiva Ewropea fl-edukazzjoni għolja¹⁴. Sforzi mġedda huma essenzjali biex isir progress fl-implimentazzjoni ta' din ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill. Barra minn hekk, għadhom qed jiġu identifikati aktar ostakli.

Dan jenfasizza l-ħtieġa li l-UE tiġi mġhamra b'lawrja Ewropea bħala qafas iddedikat u abilitanti biex jingħelbu l-ostakli.

Il-programm Erasmus+¹⁵ ilu jappoġġja proġetti ta' esperimentazzjoni tal-politika li jinvolvu aktar minn 140 università u 60 awtorità nazzjonali u reġjonali inkarigati mill-akkreditazzjoni, mill-assigurazzjoni tal-kwalità u mir-regolamentazzjoni tal-edukazzjoni għolja mill-Istati Membri kollha, min-negozji, u mir-rappreżentanti tal-istudenti. Flimkien, huma mmappjaw aktar minn 1,000 programm konġunt u użaw dan ir-rikkezza ta' għarfien u kompetenza esperta biex jesploraw il-kunċett ta' lawrja Ewropea bħala tikketta, u bħala lawrja.

Permezz ta' intervisti, sfharriġ ta' eluf ta' studenti u prattikanti, gruppi fokali, workshops u konsultazzjonijiet, il-proġetti wettqu riflessjoni minn isfel għal fuq dwar il-valur miżjud li lawrja Ewropea tista' tipprovdi. Huma qiesu wkoll il-kriterji li jissodisfaw bl-aħjar mod in-natura tagħha u identifikaw l-ostakli ewlenin li jipprevjenu lill-programmi konġunti milli jilħqu l-potenzjal sħiħ tagħhom. Dawn l-ostakli jistgħu jinġabru kif ġej.

4.2. Leġiżlazzjoni u regolamenti diverġenti u kumplessi enfasizzati mill-proġetti ta' esperimentazzjoni tal-politika ta' Erasmus+

Is-sistemi nazzjonali tal-edukazzjoni u t-taħriġ u l-leġiżlazzjoni u r-regolamenti nazzjonali korrispondenti fil-biċċa l-kbira żviluppaw b'mod indipendenti, mingħajr ma tqiesu l-għażliet ta' kooperazzjoni tranżnazzjonali. Dan iwassal għal **disparitajiet li jipprevjenu lill-universitajiet** milli jipprovdu programmi konġunti tranżnazzjonali u lawrji konġunti kompletament jew jagħmluha diffiċli ħafna.

Dawn l-ostakli jinkludu dawn li ġejjin:

- **Regoli nazzjonali speċifiċi dwar il-forma ta' eżamijiet finali, skali ta' gradazzjoni u tagħbijiet ta' xogħol** applikati għal programmi konġunti jipprevjenu lill-universitajiet milli joffru programmi ta' lawrja konġunti verament tranżnazzjonali u integrati u jimponu rekwiżiti addizzjonali artifiċjali fuq l-istudenti.
- **Limitazzjonijiet għall-multilingwiżmu fi programmi ta' lawrji konġunti.** Biż-żieda fil-mobbiltà għat-tagħlim tal-lum, il-mudelli ta' kooperazzjoni tranżnazzjonali għal programmi konġunti jiġu ffaċilitati billi titqies u tiġi indirizzata l-ħtieġa li jitneħħew l-ostakli għall-użu ta' lingwi multipli fl-interess tal-istudenti, l-istituzzjonijiet, u s-suq tax-xogħol.
- **Regoli preskrittivi dwar il-preżenza fiżika** b'tul ta' żmien minimu jew massimu impost. Dawn jirriflettu d-dinja qabel l-integrazzjoni Ewropea u t-trasformazzjoni diġitali u jaffettwaw b'mod negattiv il-mobbiltà tal-istudenti, u jillimitaw il-benefiċċji potenzjali tat-teknoloġiji diġitali għall-faċilitazzjoni tal-opportunitajiet ta' tagħlim tranżnazzjonali.
- **In-nuqqas ta' rikonoxximent tat-tagħlim imħallat/online** jipprevjenu l-użu sħiħ tal-potenzjal tal-ġhodod diġitali fl-edukazzjoni, inkluż li jitqiesu t-tagħlimiet meħuda mill-pandemija tal-

¹⁴ [Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-5 ta' April 2022 dwar il-bini ta' konnessjonijiet għal kooperazzjoni effettiva Ewropea fl-edukazzjoni għolja \(ĠU C 160, 13.4.2022, p. 1\)](#).

¹⁵ [Ir-Regolament \(UE\) 2021/817 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2021 li jistabbilixxi Erasmus+: il-Programm tal-Unjoni għall-edukazzjoni u taħriġ, żgħażaġh u sport \(ĠU L 189, 28.5.2021, p. 1\)](#).

COVID-19. L-universitajiet, il-persunal tagħhom, u l-istudenti jeħtieġ li jkunu jistgħu jibbenefikaw bis-sħiħ mit-trasformazzjoni diġitali.

- **Limiti fuq il-parteciċipazzjoni ta' għalliema** minn universitajiet sħab applikati għal programmi konġunti tranżnazzjonali jirrestrinġu b'mod artifiċjali l-aċċess ta' università għal persunal b'esperjenza u jpoġġu limitu fuq il-prestazzjoni tagħha.

Dawn l-ostakli joħolqu sfidi għal **kwalunkwe sħubija tranżnazzjonali**. Ħafna minnhom imorru kontra l-idea ta' Żona Ewropea tal-Edukazzjoni, li fiha l-istudenti jistgħu jiċċaqalqu liberament u jkollhom aċċess bla problemi għal edukazzjoni għolja inklużiva ta' kwalità għolja.

L-għoti u l-kunsinna ta' lawrji u diplomi lill-istudenti huma wkoll soġġetti għal regolamenti restrittivi, li jagħmlu dan kumpless ħafna. Dawn jinkludu restrizzjonijiet fuq il-lingwa, il-firēm awtorizzati, il-formati tal-firma (diġitali jew fiżiċi), il-logos approvati, u rekwiżiti speċifiċi tal-karti (eż. id-dimensjonijiet, il-ħxuna, il-postijiet tal-istampar deżinjati). **Il-proċess tal-għoti ta' lawrja konġunta lil student jista' jieħu s-snin**, jekk ikun possibbli.

L-eżiti preliminari mill-proġetti ta' esperimentazzjoni tal-politika tal-Erasmus+ juru b'mod ċar li lawrja Ewropea tista' tkun mod kif jingħelbu dawn l-ostakli.

4.3. Implimentazzjoni irregolari u bil-mod tal-għodod tal-proċess ta' Bolonja

Il-proċess intergovernattiv ta' Bolonja, mibdi fl-1999 barra mill-qafas tal-UE, ifittex li jgħib aktar konsistenza fis-sistemi tal-edukazzjoni għolja f'49 pajjiż, inklużi s-27 pajjiż tal-UE. Huwa stabilixxa ż-Żona Ewropea ta' Edukazzjoni Għolja biex tiffaċilita l-mobbiltà tal-istudenti u tal-persunal, biex tagħmel l-edukazzjoni għolja aktar inklużiva u aċċessibbli, u biex tagħmilha aktar attraenti u kompetittiva madwar id-dinja. Il-proċess ta' Bolonja huwa kruċjali biex tinbena l-fiduċja meħtieġa għal mobbiltà tat-tagħlim b'suċċess, kooperazzjoni akkademika transfruntiera u r-rikonoxximent reċiproku tal-perjodi ta' studju u l-kwalifiki miksuba barra mill-pajjiż.

Filwaqt li l-proċess ta' Bolonja jenfasizza l-importanza ta' lawrji konġunti, il-progress kien bil-mod, parzjalment minħabba l-kamp ta' applikazzjoni ġeografiku wiesa' tiegħu u d-diversità tas-sistemi, it-tradizzjonijiet, il-kuntesti politiċi u ekonomiċi li jinkludi. B'riżultat ta' dan, mhux l-Istati Membri kollha implimentaw ir-riformi meħtieġa, li wasslu għal ineffiċjenzi fil-kooperazzjoni fost id-49 pajjiż.

Minkejja l-ħolqien tal-approċċ Ewropew għall-assigurazzjoni tal-kwalità tal-programmi konġunti - strument pan-Ewropew li jippermetti evalwazzjoni ta' darba biss tal-programmi konġunti - kienu ftit il-programmi li għamlu użu minn dan l-istrument f'dawn l-aħħar disa' snin.

Xi strumenti tal-proċess ta' Bolonja, b'mod partikolari fir-rigward tal-assigurazzjoni tal-kwalità u r-rikonoxximent, għad ma kellhomx ir-riżultati maħsuba. Fl-UE, mekkaniżmi stabbiliti għat-teħid ta' deċiżjonijiet u l-implimentazzjoni ta' kooperazzjoni tranżnazzjonali, jistgħu jkomplu jiffaċilitaw ir-realizzazzjoni ta' Żona Ewropea tal-Edukazzjoni, b'soluzzjonijiet effettivi li jippermettu lill-universitajiet jikkooperaw b'mod effiċjenti bl-għajnuna ta' lawrji fdati u ta' valur għoli.

4.4. Is-sistemi ta' assicurazzjoni u rikonoxximent tal-kwalità fl-edukazzjoni għolja għandhom jittejbu aktar

Kwalunkwe programm, konġunt jew mod ieħor, jeħtieġ li jiġi akkreditat permezz ta' proċess robust ta' assicurazzjoni tal-kwalità sabiex iwassal għal lawrja. Dan huwa importanti biex tiġi żgurata l-fiduċja meħtieġa fil-kwalità tal-provvista.

Ħafna istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja fl-Ewropa jindikaw li l-proċessi tal-assigurazzjoni tal-kwalità għall-programmi tranżnazzjonali huma wisq twal u għaljin. Aktar ma jkunu involuti universitajiet minn pajjiżi differenti fi programm konġunt, aktar ikun kumpless il-proċess. Xi drabi, jista' jieħu sa sentejn sabiex tinkiseb akkreditazzjoni. Proċeduri twal ma jippermettux lill-universitajiet jaġġustaw għar-realtajiet li qed jinbidlu u jirrispondu malajr għal ħtiġijiet politiċi, ekonomiċi jew soċjetali emerġenti.

Ir-rikonoxximent tal-kwalifiki u l-perjodi ta' taġħlim barra mill-pajjiż għadu mhux awtomatiku f'kull pajjiż, speċjalment fejn id-deċiżjoni tittieħed fil-livell ta' istituzzjoni tal-edukazzjoni għolja. Dan iżid piż konsiderevoli għall-gradwati universitarji u jillimita l-kapaċità ta' taġħlim li jiċċaqilqu liberament għal skopijiet ta' taġħlim u professjonali.

Essenzjalment, filwaqt li l-assigurazzjoni tal-kwalità hija kruċjali biex tiġi żgurata l-fiduċja fis-sistema edukattiva, ħafna mid-disparitajiet huma skaduti u mhux adatti għall-iskop ta' taġħlim, u dan johlq burokrazija żejda.

4.5. Diżinċentivi għall-persunal biex jinvolvi ruħu f'kooperazzjoni tranżnazzjonali u lawrji konġunti

L-iżvilupp ta' programm għal lawrja konġunta ta' kwalità jeħtieġ żmien u **sforz mill-persunal akkademiku**. L-iżvilupp ta' proġetti tranżnazzjonali ġodda jeħtieġ persunal dedikat b'ħiliet speċifiċi - u minħabba l-kwistjonijiet u l-ostakli speċifiċi, għandu t-tendenza li jkun impjeg full-time. Madankollu, l-esperjenza bi programmi tranżnazzjonali turi li hemm riskju: il-kooperazzjoni tranżnazzjonali għandha konsegwenza għan-nies li jinvolvu ruħhom fiha, peress li xogħolhom mhux dejjem jiġi rikonoxxut bl-apprezzament li jistħoqqlu. Barra minn hekk, il-persunal jeħtieġ żvilupp professjonali kontinwu biex isostni l-kwalità għolja ta' dawn il-programmi pedagoġiċi transdixiplinari.

Fi sħarriġ iddedikat¹⁶, 66 % tar-rispondenti mis-settur tal-edukazzjoni għolja qablu li l-kooperazzjoni tranżnazzjonali hija parti mill-istrateġija istituzzjonali tal-edukazzjoni għolja ta' taġħlim, iżda **39 % biss jaqblu li l-perkorsi tal-karriera għall-persunal akkademiku jippermettu, jappoġġjaw u jinkoraġġixxu b'mod effettiv l-attivitajiet ta' kooperazzjoni tranżnazzjonali**. Dan huwa konformi mal-isfidi identifikati minn sħarriġiet preċedenti, inkluż "l-ammont ta' xogħol addizzjonali minbarra dak normali" (80 % tar-rispondenti), u "l-kisba u s-sostenn tal-impenn tal-persunal akkademiku" (72 %).

5. Kif negħlbu dawn l-ostakli – passi speċifiċi lejn il-lawrja Ewropea

Il-lawrja Ewropea tipprovdi mod aġli biex jingħelbu dawn l-ostakli billi s-sistemi nazzjonali tal-edukazzjoni għolja fl-UE jiġu mgħammra bil-mezzi biex jiżviluppaw, jivvalutaw u jaġhtu lawrji konġunti bbażati fuq kriterji Ewropej maqbuli b'mod komuni li jmorru lil hinn mill-fruntieri nazzjonali jew reġjonali. Din toffri soluzzjoni komprensiva biex tittiejeb il-kooperazzjoni tranżnazzjonali bla problemi u aktar profonda fiż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni u tgħin biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet strateġiċi ta' ħiliet tal-UE.

Iż-żewġ proposti għal Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill li jakkumpanjaw din il-Komunikazzjoni se jiżguraw ukoll li lawrja Ewropea tkun tista' sserraħ fuq assigurazzjoni tal-kwalità u sistemi ta' rikonoxximent adatti għall-iskop ta' taġħlim, bi prospettu ta' karriera attraenti għall-akkademiċi

¹⁶Ara r-riżultati fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal meħmuż SWD(2024)74.

involuti fiha. F'kull pass, l-istat ta' tnejn u l-involvement tal-Istati Membri u, fejn rilevanti, tal-gvernijiet reġjonali ser jiddeterminaw is-suċċess tagħha.

5.1. Nagħmlu l-Ewropa bażi ta' talent għall-innovazzjoni u l-kompetittività

5.1.1. Id-definizzjoni ta' kriterji Ewropej komuni għal lawrja Ewropea

L-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja jkunu jistgħu jagħtu l-lawrja Ewropea abbażi ta' **valutazzjoni mill-istrutturi nazzjonali eżistenti kompetenti** dwar jekk il-programm konġunt jissodisfax b'mod ċar **kriterji Ewropej definiti u maqbula b'mod komuni**. Il-kontenut ta' dawn il-kriterji jiffurma l-bażi tal-lawrja Ewropea u jiddetermina l-livell ta' ambizzjoni tagħha, filwaqt li jistabbilixxi għal dak li tirrappreżenta u għaliex hija differenti minn lawrji mogħtija f'partijiet oħra tad-dinja.

Il-kriterji Ewropej proposti huma stabbiliti fl-Anness II għall-proposta għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar sistema Ewropea ta' assigurazzjoni u rikonossiment tal-kwalità fl-edukazzjoni għolja.

Il-kriterji proposti għal lawrja Ewropea huma:

- l-eċċellenza tal-organizzazzjoni u l-ġestjoni tal-programm transnazzjonali: programmi konġunti jinbnew fuq l-għodda u l-istandards ta' Bolonja u l-UE, jitfasslu b'mod konġunt u jitwasslu, abbażi ta' akkordji dwar il-garanzija tal-kwalità.
- ir-rilevanza tal-esperjenza tat-tagħlim: programmi konġunti ffukati fuq l-istudenti, li jinkludu opportunitajiet ta' rilevanza fis-suq tax-xogħol, komponenti interdixxiplinarji, il-mobilità tal-istudenti, u l-akkwiżizzjoni ta' ħiliet diġitali u oriżżontali.
- l-aderenza mal-valuri Ewropej: programmi konġunti jippromwovu d-demokrazija, il-multilingwiżmu, l-inklużività u s-sostenibbiltà ambjentali.

Dawn għandhom l-għan li jrawmu l-iżvilupp ta' aktar programmi konġunti f'konformità mal-viżjoni stabbilita fl-istrateġija Ewropea għall-universitajiet, b'mod partikolari f'dak li għandu x'jaqsam mal-iffaċilitar tal-iżvilupp ta' studenti bħala ħassieba kreattivi u kritiċi, persuni li jsovlu l-problemi, ċittadini attivi u responsabbli, involuti bħala atturi tal-bidla fil-komunità tagħhom biex ikollhom impatt pożittiv fuq is-soċjetà ta' madwarhom.

Billi jistabbilixxu **standards impenjattivi**, il-kriterji Ewropej jsejju l-eċċellenza tal-kooperazzjoni tranżnazzjonali bejn l-istituzzjonijiet, l-għoti ta' esperjenza ta' tagħlim tranżnazzjonali, it-tagħlim u l-apprendiment iffukati fuq l-istudenti (inkluż xi provvista ta' interdixxiplinarjetà, mobiltà u approċċi ċċentriati fuq l-istudenti), ir-rilevanza għas-suq tax-xogħol u għall-ħtiġijiet tas-soċjetà (kooperazzjoni man-negozji, is-settur pubbliku u s-soċjetà ċivili, il-forniment ta' ħiliet trażversali, ekoloġiċi u diġitali), u r-rispett għall-valuri komuni (il-multilingwiżmu, l-inklużività, il-valuri demokratiċi). Peress li ma tistax tinstab soluzzjoni waħda għal kulħadd, il-kriterji Ewropej huma flessibbli biżżejjed biex il-lawrja Ewropew tkun **aċċessibbli għat-tipi kollha ta' universitajiet, l-oqsma u d-dixxiplini kollha u fil-livelli kollha**, filwaqt li tirrispetta d-diversità tat-tradizzjonijiet u s-sistemi akkademiċi.

Il-kriterji Ewropej proposti **jibnu fuq l-użu tal-għodod eżistenti** żviluppanti fl-UE u fil-proċess ta' Bolonja u jiżguraw li l-lawrja Ewropea tilħaq l-ogħla standards fil-kooperazzjoni fl-edukazzjoni għolja. Dawn joffru qafas biex l-universitajiet jaħdmu flimkien sabiex jindirizzaw in-nuqqas ta' ħiliet strateġiċi fis-suq tax-xogħol Ewropew. Huma jirrispettaw **is-sussidjarjetà, l-awtonomija istituzzjonali u l-libertà akkademiċa**.

Peress li l-Ewropa għandha xenarju divers tal-edukazzjoni għolja, bi sfondi u tradizzjonijiet storiċi differenti, hemm bżonn riflessjoni komuni u sforz kollettiv biex ikun hemm fehim komuni tal-essenza ta' lawrja Ewropea.

Dan il-proċess ta' riflessjoni beda eżatt wara l-adozzjoni tal-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar strateġija Ewropea li ssaħħaħ l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja għall-futur tal-Ewropa f'April 2022¹⁷. L-abbozz preliminari tal-kriterji ġie żviluppat b'mod konġunt mal-awtoritajiet nazzjonali u reġjonali, l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja, l-aġenziji tal-akkreditazzjoni u tal-assigurazzjoni tal-kwalità, l-organizzazzjonijiet tal-istudenti, u r-rappreżentanti mis-setturi pubbliċi u privati.

Ladarba ġew definiti, dawn ġew **ittestjati** minn sitt proġetti ta' esperimentazzjoni tal-politika tal-Erasmus+. L-ittestjar involva aktar minn **140 istituzzjoni tal-edukazzjoni għolja madwar l-Istati Membri kollha**, 60 awtorità nazzjonali u reġjonali **li involvew 17-il ministeru u 20 aġenzija nazzjonali tal-assigurazzjoni tal-kwalità, organizzazzjonijiet tal-istudenti u sħab ekonomiċi u soċjali**. B'riżultat ta' dan, **il-proġetti pilota pproponew reviżjoni tal-kriterji. Il-kriterji Ewropej proposti** kif stabbiliti fl-Anness II għall-proposta għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar sistema Ewropea ta' assicurazzjoni u rikonossiment tal-kwalità fl-edukazzjoni għolja huma **r-riżultati ta' din ir-reviżjoni**.

Bħala l-pass li jmiss, **il-Kunsill tal-UE huwa mistenni li jmexxi 'l quddiem din il-proposta**.

Il-kriterji ttestjati se jkunu l-bażi għal diskussjonijiet u djalogu profondi mal-Istati Membri, is-settur tal-edukazzjoni għolja, is-sħab ekonomiċi u soċjali biex jimxu 'l quddiem fil-passi li jmiss bil-ħolqien ta' lawrja Ewropea u jipprovdu aktar gwida ulterjuri dwar l-implimentazzjoni tagħhom.

Azzjonijiet:

Il-Kummissjoni tistieden lill-Kunsill tal-UE **biex imexxi 'l quddiem il-proposta għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar sistema Ewropea ta' assicurazzjoni u rikonossiment tal-kwalità fl-edukazzjoni għolja**, inkluż l-Anness II, li jistabbilixxi **l-kriterji Ewropej għal lawrja Ewropea**.

Il-Kummissjoni se **tappoġġja d-djalogu mal-Istati Membri, mas-settur tal-edukazzjoni għolja, mas-sħab ekonomiċi u soċjali, biex isir progress fil-passi li jmiss bil-ħolqien ta' lawrja Ewropea u biex takkumpanja proċess kollaborattiv mal-Istati Membri u mal-partijiet interessati dwar l-implimentazzjoni tagħha**.

5.1.2. L-Istati Membri jridu jagħżlu l-livell ta' dħul tagħhom fil-perkors lejn lawrja Ewropea

Minħabba l-punti tat-tluq, il-fehmiet u t-tradizzjonijiet rispettivi tal-Istati Membri, li inevitabilment se jvarjaw, l-iżvilupp tal-lawrja Ewropea ma jistax iseħħ mil-lum għall-għada. Ma tistax tinkiseb lanqas abbażi ta' approċċ "wieħed tajjeb għal kulħadd".

Din il-Komunikazzjoni tistabbilixxi approċċ gradwali u livell aħħari ta' ambizzjoni għall-Istati Membri li jagħżlu li jibdeu il-perkors lejn il-lawrja Ewropea. Dan l-approċċ iħaddan id-diversità fost l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja tagħhom, u jippermettilhom

¹⁷ [Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar strateġija Ewropea li ssaħħaħ l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja għall-futur tal-Ewropa \(ĠU C 167, 21.4.2022, p. 9\).](#)

jipproċedu lejn il-lawrja Ewropea bil-pass li jagħżlu huma. L-Istati Membri jistgħu jimxu 'l quddiem, pass pass, lejn għan definit b'mod komuni b'żewġ punti ta' dħul: **lawrja Ewropea u tikketta Ewropea preparatorja li tindika li l-kriterji Ewropej ġew issodisfati.**

Kwalunkwe konsorzju ta' istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja jkun jista', jekk ikunu jridu, isibu l-punt tat-tluq it-tajeb u jimxu lejn perkors dejjem aktar integrat maż-żmien.

Jistgħu jintużaw żewġ punti tad-dħul differenti fil-perkors lejn lawrja Ewropea:

Punt tad-dħul: tikketta Ewropea preparatorja

Programmi konġunti ta' lawrja li jissodisfaw il-kriterji Ewropej jistgħu jirċievu tikketta Ewropea mill-awtoritajiet kompetenti inkarigati mill-akkreditazzjoni u/jew l-assigurazzjoni tal-kwalità ta' programmi ta' edukazzjoni għolja (universitajiet li jakkreditaw lilhom infushom, aġenziji ta' akkreditazzjoni, aġenziji ta' assicurazzjoni tal-kwalità). Filwaqt li **t-tikketta se tipprovdi għodda b'saħħitha ta' mmarkar**, mhux se ssolvi l-ostakli li jiltaqgħu magħhom l-universitajiet biex jistabbilixxu u jmexxu programmi ta' lawrji konġunti. Dan il-perkors ikun miftuħ għall-universitajiet wara l-adozzjoni tal-kriterji Ewropej proposti u l-iżvilupp ta' gwida biex dawn jiġu implimentati.

Punt tad-dħul: lawrja Ewropea

Lawrja tingħata b'mod konġunt minn diversi universitajiet minn pajjiżi differenti (eż. alleanza tal-Universitajiet Ewropej). Il-lawrja Ewropea tkun integrata **fil-leġiżlazzjoni nazzjonali bħala tip ta' kwalifika ġdida**. Dan joffri simplifikazzjoni sinifikanti għall-universitajiet u l-istudenti billi jitneħħew id-disparitajiet bejn ir-regoli nazzjonali u jipprovdi lill-universitajiet tal-UE b'qafas komuni u ċar għall-ħolqien ta' programmi ta' lawrji konġunti. Bħal fi kwalunkwe lawrja, il-lawrja Ewropea tkun akkreditata skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali u l-oqfsa nazzjonali tal-kwalifiki mill-awtoritajiet kompetenti fil-livell istituzzjonali, reġjonali jew nazzjonali.

Lawrja Ewropea tista' tingħata wkoll minn entità legali stabbilita minn diversi universitajiet minn pajjiżi differenti (eż. alleanza Universitarja Ewropea bi status legali). Xi alleanzi ta' universitajiet diġà waqqfu entitajiet legali bħal dawn, u qed jesploraw l-użu ta' għodod legali Ewropej eżistenti bħar-Raggruppament Ewropew ta' Kooperazzjoni Territorjali (REKT). Dan il-perkors possibbilment ikun l-aktar sempliċi u effiċjenti għall-universitajiet, f'termini ta' spejjeż assoċjati u riżorsi meħtieġa.

5.1.3. Sistemi ta' assicurazzjoni tal-kwalità adattati għall-iskop

Is-sistemi ta' assicurazzjoni tal-kwalità huma kundizzjonijiet meħtieġa għar-responsabbiltà u għat-titjib tal-prestazzjonijiet tal-universitajiet. Huma jibnu l-pedament għall-fiduċja fil-kwalità tal-edukazzjoni għolja li tingħata lill-istudenti. Lawrja Ewropea, aktar minn kwalunkwe tip ieħor ta' lawrja, tkun tiddependi fuq il-fiduċja reċiproka u sistemi kredibbli ta' assicurazzjoni tal-kwalità. Huwa għalhekk li l-bini ta' sistemi ta' assicurazzjoni tal-kwalità adattati għall-iskop tagħhom huwa prekondizzjoni għar-realizzazzjoni ta' lawrja Ewropea, filwaqt li jkollu wkoll benefiċċji għall-programmi kollha, inklużi dawk li jwasslu għal mikrokredenzjali, u jippermetti aktar ir-rikonossiment awtomatiku tal-kwalifiki. Għal dan, l-Istati Membri jkollhom:

- jibnu **proċessi ta' assicurazzjoni tal-kwalità** aktar b'saħħithom, aktar effettivi u aktar sempliċi għat-tipi kollha ta' programmi;

- **jistabbilixxu qafas Ewropew ġdid** għal approċċ estern ibbażat fuq istituzzjonijiet multipli għall-assigurazzjoni tal-kwalità li jippermetti li alleanzi sostenibbli tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja jakkreditaw għalihom infushom il-programmi ta' lawrji konġunti u l-mikrokredenzjali konġunti tagħhom, li jibnu fuq l-eżiti tal-proġetti tal-Erasmus+, l-QA fit¹⁸ u l-IMINQA¹⁹; u
- jużaw proċessi xierqa ta' assicurazzjoni tal-kwalità biex jakkumpanjaw lill-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja fl-implimentazzjoni **tar-rikonoxximent awtomatiku tal-kwalifiki u tal-perjodi ta' tagħlim barra mill-pajjiż.**

Azzjonijiet: Il-Kummissjoni tippromwovi, flimkien ma' din il-Komunikazzjoni, **rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar sistema Ewropea ta' assicurazzjoni u rikonoxximent tal-kwalità fl-edukazzjoni għolja. Il-Kummissjoni tistieden lill-Kunsill tal-UE biex imexxi 'l quddiem il-proposta u tippjana li tappoġġja l-implimentazzjoni futura** tagħha permezz ta' azzjonijiet immirati dettaljati fil-punt 5,2,4.

5.1.4. Karrieri akkademiċi aktar attraenti fl-edukazzjoni għolja

Fl-ekonomija globali tal-għarfien, il-futur tal-Ewropa se jissawwar mill-prestazzjoni tas-sistemi edukattivi tagħha u l-kompetittività fit-tellieqa globali għat-talent. It-twettiq ta' din il-viżjoni ambizzjuża ta' lawrja Ewropea se jiddependi fuq akkademiċi eċċellenti biex jgħallmu u jgħammru lill-gradwati bil-ħiliet it-tajba. Mhux se nkunu nistgħu nibnu programmi tranżnazzjonali eċċellenti mingħajr ma nipprovdu inċentivi għal persuni eċċellenti biex jinvolvu ruħhom f'dan l-isforz. Huwa għalhekk li meta l-karrieri akkademiċi fl-edukazzjoni għolja jsiru aktar attraenti, dawn ikunu fattur abilitanti ewlieni għal lawrja Ewropea. Għal dan, l-Istati Membri jkollhom:

- jippromwovu, jirrikonoxxu u japprezzaw aħjar il-ħidma tal-akkademiċi li jibnu kooperazzjoni tranżnazzjonali profonda, bħall-iżvilupp ta' programmi konġunti ta' lawrji;
- jippromwovu, jirrikonoxxu u japprezzaw aħjar ir-rwoli u l-kompiti akkademiċi diversi, inkluż tagħlim innovattiv u effettiv; u
- jippromwovu kundizzjonijiet tax-xogħol kompetittivi, sikuri, ġusti u mhux diskriminatorji biex jattiraw u jżommu l-persunal.

Azzjonijiet: Il-Kummissjoni tippromwovi, flimkien ma' din il-Komunikazzjoni, **rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar karrieri attraenti u sostenibbli fl-edukazzjoni għolja**, li hija komplementari għar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' Qafas Ewropew biex jiġu attirati u miżmuma t-talenti fir-riċerka, l-innovazzjoni u l-intraprenditorija fl-Ewropa²⁰. **Il-Kummissjoni tistieden lill-Kunsill tal-UE biex imexxi 'l quddiem il-proposta u jippjana li jappoġġja l-implimentazzjoni futura** tagħha permezz ta' azzjonijiet immirati dettaljati fil-punt 5.2.5.

5.2. Il-Kummissjoni se taġixxi bħala faċilitatur u sostenitur

Filwaqt li tibni fuq bażi wiesgħa ta' evidenza empirika, l-għan ta' din il-Komunikazzjoni huwa li tipprovdi viżjoni dwar perkorsi possibbli biex il-lawrja Ewropea ssir realtà. Tfittex ukoll li tikkontribwixxi għal **djalogu miftuħ mal-Istati Membri**, mal-partijiet interessati tal-edukazzjoni

¹⁸ [Quality Assurance Fit for the Future \(QA-FIT\)](#).

¹⁹ [L-implimentazzjoni u l-Innovazzjoni fl-Assigurazzjoni tal-Kwalità permezz tat-tagħlim bejn il-pari \(IMINQA\)](#).

²⁰ [Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2023 dwar qafas Ewropew biex jiġu attirati u miżmuma t-talenti fir-riċerka, fl-innovazzjoni u intraprenditorjali fl-Ewropa \(ĠU C. C/2023/1640, 29.12.2023\)](#).

għolja, u mas-sħab ekonomiċi u soċjali dwar il-passi li jmiss. Il-Kummissjoni se tiffaċilita u tappoġġja lill-Istati Membri bl-azzjonijiet li ġejjin.

5.2.1. Tiffaċilita djalogu dwar ir-riżultati u r-rakkomandazzjonijiet tal-esperimentazzjonijiet tal-politika tal-Erasmus+ fuq tikketta ta' lawrja Ewropea u status legali għall-alleanzi tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja

Il-Kummissjoni se tippubblika **rapport** fil-ħarifa tal-2024 dwar l-eżiti finali tal-proġetti ta' esperimentazzjoni tal-politika tal-Erasmus+.

Wara dan, fl-2025, qed tippjana li tistabbilixxi **“laboratorju tal-politika dwar il-lawrja Ewropea”**. Se titnieda sensiela ta' diskussjonijiet fil-fond iddedikati u sessjonijiet iffukati, li jinvolvu esperti mill-Istati Membri, istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja, aġenziji tal-assigurazzjoni/akkreditazzjoni tal-kwalità, rappreżentanti tal-istudenti, u sħab ekonomiċi u soċjali, bl-għan li titħaffef l-azzjoni u kwalunkwe riforma nazzjonali meħtieġa, u jiġu żviluppata linji gwida ta' implimentazzjoni u pjanijiet ta' azzjoni. L-għan tagħha jkun dak li trawwem it-tagħlim bejn il-pari u ttiprovdi gwida dwar il-mixja lejn lawrja Ewropea.

Azzjoni: Il-Kummissjoni qed tippjana li trawwem il-kooperazzjoni permezz ta' **laboratorju tal-politika dwar il-lawrja Ewropea** appoġġjat mill-Erasmus+, li jrid jitwaqqaf fl-2025, biex jinvolvi lill-Istati Membri u lill-komunità usa' tal-edukazzjoni għolja biex jiżviluppaw u jimplimentaw linji gwida lejn lawrja Ewropea.

5.2.2. Inċentivi ta' finanzjament Ewropej

Il-programm **Erasmus+** se jkompli joffri appoġġ lill-alleanzi tal-Universitajiet Ewropej, lill-Master Konġunt tal-Erasmus Mundus, lill-Programmi ta' Dottorat Konġunti Marie Skłodowska-Curie (MSCA), u lill-programmi bit-tikketta tal-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT) li jaġixxu bħala pijunieri biex jimplimentaw il-lawrji Ewropej. Barra minn hekk, l-Erasmus+ se jappoġġja t-fassil u l-adozzjoni ta' lawrji Ewropej permezz ta' **appoġġ iddedikat**, filwaqt li jibni fuq l-eżempju ta' suċċess tal-Miżuri ta' Disinn tal-Erasmus Mundus.

Fl-2025, il-Kummissjoni qed tippjana li tniedi **“proġetti ta' perkors għal-lawrja Ewropea”** bħala parti mill-azzjoni ta' proġetti ta' kooperazzjoni li tħares 'l quddiem fi ħdan l-Erasmus+. Dan se jipprovdi **inċentivi finanzjarji** għall-Istati Membri, flimkien mal-aġenziji tal-akkreditazzjoni u tal-assigurazzjoni tal-kwalità tagħhom, l-universitajiet, l-istudenti, is-sħab ekonomiċi u soċjali, biex jinvolvu ruħhom fil-perkors lejn lawrja Ewropea.

L-**Istrument ta' Appoġġ Tekniku**²¹ jista' jipprovdi wkoll għarfien espert tekniku għat-tfassil u l-implimentazzjoni tar-riformi meħtieġa bi gwida u appoġġ biex jittejbu l-oqfsa legali u amministrattivi, titrawwem il-kooperazzjoni bejn l-universitajiet, ir-riċerka u n-negozji, jittejbu l-mekkaniżmi ta' assigurazzjoni tal-kwalità u l-attraenza tal-karrieri fl-edukazzjoni għolja.

Azzjonijiet:

Il-Kummissjoni qed tippjana li tagħmel **disponibbli inċentivi ta' finanzjament Ewropew**, mill-2025, permezz ta' programmi bħall-Erasmus+, biex tappoġġja l-ħolqien ta' lawrji Ewropej. Il-

²¹ [Strument ta' Appoġġ Tekniku.](#)

Kummissjoni qed tippjana wkoll li tnedi **“Proġetti ta’ Perkors għal lawrja Ewropea”** biex tinċentiva l-involviment tal-atturi kollha.

Il-Kummissjoni tistieden lill-universitajiet u lill-komunità tal-edukazzjoni għolja biex jagħmlu l-aħjar użu mill-**opportunitajiet ta’ finanzjament tal-UE**, bħal mill-programmi Erasmus+ jew Ewropa Diġitali, biex jappoġġjaw lill-universitajiet u lill-persunal biex jibdew ifasslu u joffru lawrji Ewropej f’kooperazzjoni sħiħa mal-awtoritajiet nazzjonali u reġjonali, u mas-sħab ekonomiċi u soċjali.

5.2.3. Tappoġġja u taċċellera l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-bini ta’ pontijiet għal kooperazzjoni effettiva Ewropea fl-edukazzjoni għolja

L-adozzjoni sħiħa tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar *il-bini ta’ pontijiet għal kooperazzjoni effettiva Ewropea fl-edukazzjoni għolja*, adottata f’April 2022, tiffaċilita b’mod konsiderevoli l-perkors lejn lawrja Ewropea. **Ir-rapport** dwar l-implimentazzjoni tagħha, li għandu jiġi ppubblikat sa nofs l-2024, u li sommarju tiegħu huwa pprovdut fid-dokument ta’ ħidma tal-persunal li jakkumpanjah, juri d-diversità tax-xenarju Ewropew tal-edukazzjoni għolja f’termini ta’ miżuri li jippermettu kooperazzjoni tranżnazzjonali aktar profonda, bi progress irregolari f’dan il-qasam. Filwaqt li xi Stati Membri jidhru li qed jimplementaw il-prinċipji differenti tar-Rakkomandazzjoni, u diġà bdew iwettqu riformi, pajjiżi oħra rrapportaw progress aktar bil-mod.

Abbażi tal-eżiti tar-rapport, il-Kummissjoni qed tipproponi li torganizza **sensiela ta’ attivitajiet ta’ taġlim bejn il-pari** bejn l-Istati Membri mill-ħarifa tal-2024 biex tapprofondixxi d-diskussjoni dwar l-indirizzar tal-ostakli amministrattivi sabiex jitħaffef il-progress fl-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni.

Azzjonijiet:

Il-Kummissjoni se tappoġġja l-adozzjoni tar-Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill, inkluż dik dwar **il-bini ta’ konnessjonijiet għal kooperazzjoni effettiva Ewropea fl-edukazzjoni għolja**. Mill-ħarifa tal-2024, jistgħu jiġu organizzati attivitajiet ta’ taġlim bejn il-pari biex jiġu indirizzati l-ostakli li fadal.

Il-Kummissjoni tistieden lill-Istati Membri biex jikkunsidraw **ir-rakkomandazzjonijiet attwali u futuri tal-Kunsill fil-qasam tal-edukazzjoni għolja** biex ikomplu jneħħu l-ostakli għall-kooperazzjoni tranżnazzjonali u biex iwittu l-perkors għal lawrja Ewropea.

5.2.4. Appoġġ għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni futura tal-Kunsill dwar l-Assigurazzjoni tal-Kwalità u r-rikonoxximent

Biex lawrja Ewropea ssir realtà jeħtieġ approċċ volontarju li joffri lis-sistemi kollha tal-edukazzjoni għolja mod kif jibdew dan il-vjaġġ, ikun xi jkun il-punt tat-tluq tagħhom stess. Dan jirrikjedi wkoll l-involviment attiv tal-istudenti u l-mexxejja istituzzjonali biex jinħoloq ambjent favorevoli għall-universitajiet biex jistabbilixxu lawrji Ewropej, filwaqt li jiġi żgurat li dawn ikunu ffukati fuq l-istudenti, immexxija strateġikament, u allinjati mal-aħjar Prattiki fiż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni. Fil-proposta tagħha għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar sistema Ewropea ta’ assigurazzjoni u rikonoxximent tal-kwalità fl-edukazzjoni għolja, il-Kummissjoni qed tipproponi:

- it-twaqqif ta’ **laboratorju tal-politika dwar il-lawrja Ewropea**: minbarra li jipprovdi gwida u pjanijiet ta’ azzjoni konkreti dwar il-mixja lejn lawrja Ewropea (ara t-taqsima 5.2.1),

jiżviluppa wkoll linji gwida dwar l-implimentazzjoni ta' qafas ta' assigurazzjoni tal-kwalità tranżistitutzzjonali tal-alleanzi tal-istitutzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja;

- l-istabbiliment ta' "**forum dwar il-lawrja Ewropea**" bħala avveniment annwali, organizzat mill-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Presidenza tal-Kunsill, biex il-partijiet interessati kollha jiltaqgħu u jieħdu kont tal-progress ġenerali li jkun sar lejn lawrja Ewropea, inkluż permezz tal-laboratorju tal-politika dwar il-lawrja Ewropea. Il-Forum ikun jinkludi rappreżentanti ta' livell għoli mill-Istati Membri u r-reġjuni, l-organizzazzjonijiet tal-partijiet interessati l-aktar rappreżentattivi fl-assigurazzjoni tal-kwalità (eż. ENQA, EQAR), in-network ta' Ċentri Nazzjonali ta' Informazzjoni dwar ir-Rikonoxximent Akkademiku (NARIC), l-oqfsa nazzjonali tal-kwalifiki, is-sħab soċjali tal-edukazzjoni u r-rappreżentanti mis-sħab ekonomiċi u soċjali;
- l-iżvilupp ulterjuri **tal-bażi tad-data tar-riżultati tal-assigurazzjoni tal-kwalità esterna (DEQAR)**²² biex issir aktar faċli għall-utent u biex tintrabat direttament mar-rikonoxximent awtomatiku tal-kwalifiki;
- tkompli tappoġġja l-implimentazzjoni **tas-sistema Ewropea ta' monitoraġġ tal-gradwati**²³ biex ittejjeb il-kwalità u r-rilevanza tal-edukazzjoni għolja billi tipprovdi feedback dwar l-eżiti tal-gradwati, kif ukoll ittejjeb it-tqabbil u l-valutazzjoni komparattiva bejn il-pajjiżi u l-istitutzzjonijiet.

Azzjonijiet:

Fl-2025, il-Kummissjoni qed tippjana li tistabbilixxi **forum dwar il-lawrja Ewropea** biex timmonitorja l-progress fil-mixja lejn lawrja Ewropea.

Il-Kummissjoni qed tippjana li tkompli tappoġġja l-iżvilupp ta' **sistema Ewropea għall-monitoraġġ tal-gradwati**.

Il-Kummissjoni tistieden lill-Istati Membri, lill-universitajiet, lis-settur tal-edukazzjoni għolja, lis-sħab ekonomiċi u soċjali biex **ifasslu b'mod konġunt linji gwida ta' implimentazzjoni u pjanijiet ta' azzjoni għal lawrja Ewropea** billi jipparteċipaw fil-forum dwar il-lawrja Ewropea u jkunu involuti b'mod attiv fil-ħidma tal-laboratorju futur tal-politika dwar il-lawrja Ewropea. Huma mistiedna wkoll biex iħaddnu din l-opportunità biex **jinvolve ruħhom f'kooperazzjoni attiva u joffru lill-istudenti esperjenzi ta' taqlim verament tranżnazzjonali** li jħejju forza tax-xogħol b'ħiliet speċjalizzati lesta biex tilqa' l-isfidi fuq skala Ewropea u globali.

5.2.5. Appoġġ għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar karrieri attraenti u sostenibbli fl-edukazzjoni għolja

Kooperazzjoni tranżnazzjonali effettiva u innovattiva fl-edukazzjoni għolja teħtieġ l-impenn ta' persunal akkademiku ta' kwalità għolja li jista' jinvolve ruħu fi sħubijiet profondi fit-tul ma' pari minn istituzjonijiet oħra. Fil-proposta tagħha għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar karrieri attraenti u sostenibbli fl-edukazzjoni għolja, il-Kummissjoni qed tipproponi li:

- tħejji **linji gwida** dwar prattika tajba f'karrieri fl-edukazzjoni għolja u politiki dwar il-persunal, kif ukoll qafas ta' kompetenza għall-persunal akkademiku, li jibni fuq oqfsa ta'

²² DEQAR hija l-Bażi tad-Data tar-Riżultati tal-Assigurazzjoni tal-Kwalità Esterna għall-aġenziji tal-assigurazzjoni tal-kwalità elenkati fir-Reġistru Ewropew għall-Assigurazzjoni tal-Kwalità fl-Edukazzjoni Għolja (EQAR). L-aġenziji kollha rreġistrati fl-EQAR jistgħu jippubblikaw ir-rapporti tagħhom fil-Bażi tad-Data. Il-parteeċipazzjoni fid-DEQAR hija volontarja (<https://www.eqar.eu/qa-results/search/>).

²³ [Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-20 ta' Novembru 2017 dwar il-monitoraġġ tal-perkors fil-karriera tal-gradwati \(ĠU C 423, 9.12.2017, p. 1\).](#)

kompetenza rilevanti eżistenti fil-livell tal-Unjoni, bħall-Qafas Ewropew ta' Kompetenzi għar-Riċerkaturi;

- tappoġġja l-organizzazzjoni ta' djalogu soċjali ddedikat;
- **timmonitorja** l-elementi ewlenin tar-Rakkomandazzjoni permezz **tal-Osservatorju Ewropew tas-Settur tal-Edukazzjoni Għolja**²⁴;
- trawwem **sinerġiji** mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' Qafas Ewropew biex jiġu attirati u miżmuma t-talenti fir-riċerka, l-innovazzjoni u l-intraprenditorija fl-Ewropa, żviluppata fil-kuntest taż-Żona Ewropea tar-Riċerka u applikabbli għall-karrieri fir-riċerka fis-setturi kollha, inkluża l-akkademja;
- tiffaċilita **t-tagħlim bejn il-pari** fost l-Istati Membri, l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja, il-prattikanti tal-Erasmus Mundus u l-alleanzi tal-Universitajiet Ewropej dwar ir-rikonossiment xieraq tal-persunal akkademiku involut fil-kooperazzjoni u t-tagħlim tranżnazzjonali; prospettivi ta' karriera sostenibbli; u miżuri ta' ġestjoni tat-talenti għall-persunal involut fil-koordinazzjoni u l-iżvilupp ta' alleanzi sostenibbli, bħall-alleanzi tal-Universitajiet Ewropej.

Azzjoni: Il-Kummissjoni qed tippjana li tappoġġja l-adozzjoni tar-**rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar karrieri attraenti u sostenibbli** fl-edukazzjoni għolja permezz ta' appoġġ, tagħlim bejn il-pari u monitoraġġ.

5.2.6. Sinerġiji ma' azzjonijiet relatati oħra

Il-Kummissjoni hija impenjata li tiżgura sinerġiji ma' azzjonijiet u politiki rilevanti oħra biex tappoġġja perkors bla xkiel u ta' suċċess lejn lawrja Ewropea. Għal dan l-għan, hemm ippjanat li:

- tkompli tappoġġja l-implimentazzjoni tal-istrumenti tal-proċess ta' Bolonja u n-network ta' Ċentru Nazżjonali ta' Informazzjoni dwar ir-Rikonossiment Akkademiku (NARIC), permezz ta' **"timijiet ta' appoġġ għall-aċċellerazzjoni"**, ifffinanzjati mill-programm Erasmus+, biex jiġi żgurat progress aktar rapidu fir-rikonossiment awtomatiku tal-kwalifiki;
- tkompli tippromwovi l-opportunitajiet biex jintużaw il-programmi ta' tagħlim, il-kontenut u l-materjali prodotti mill-Akkademji Ewropej tal-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti għal lawrji konġunti mmirati lejn in-nuqqas ta' ħiliet għat-tranżizzjoni ekoloġika u l-industriji tat-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti;
- tesplora sinerġiji u rabtiet bejn id-**Direttiva li tistabbilixxi qafas tal-UE dwar ir-rikonossiment tal-kwalifiki għall-aċċess għall-professjonijiet regolati**²⁵ u l-lawrja Ewropea; u
- tiżgura l-konsistenza u s-sinerġiji bejn il-lawrja Ewropea u l-ħidma ulterjuri fuq **il-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki**²⁶, **il-pjattaforma multilingwi tal-Europass**²⁷, **il-kredenzjali diġitali Ewropej għat-tagħlim**²⁸ u l-klassifikazzjoni Ewropea ta' ħiliet, kompetenzi, kwalifiki u impjiegi (ESCO)²⁹.

²⁴ [il-programm ta' ħidma annwali 2024 "Erasmus+": Programm tal-Unjoni għall-Edukazzjoni, it-Taħriġ, iż-Żgħażaġħ u l-Ispport C\(2023\)6157 tat-18 ta' Settembru 2023.](#)

²⁵ [Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar ir-Rikonossiment ta' Kwalifiki Professionali \(ĠU L 255, 30.9.2005, p. 22\).](#)

²⁶ [Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2017 dwar il-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki għat-tagħlim tul il-ħajja \(ĠU C 189, 15.6.2017, p. 15\).](#)

²⁷ [Europass.](#)

²⁸ [Kredenzjali Diġitali Ewropej għat-tagħlim.](#)

²⁹ [Klassifikazzjoni Ewropea tal-ħiliet u l-okkupazzjonijiet.](#)

Azzjonijiet:

Il-Kummissjoni se tkompli bl-appoġġ tagħha għall-implimentazzjoni tal-**istrumenti tal-proċess ta' Bolonja** permezz tas-sejħa tal-Erasmus+ taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni Għolja tal-2024. Hija tippjana li tesplora rabtiet bejn lawrja Ewropea u d-**Direttiva** dwar il-Kwalifiki Professjonali, u tiżgura konsistenza **mal-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki, l-Europass, il-kredenzjali diġitali Ewropej għat-tagħlim u l-klassifikazzjoni Ewropea tal-ħiliet u l-okkupazzjoni (ESCO)**.

5.2.7. Tiegħu kont tal-progress f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri u l-partijiet interessati

Abbażi tal-progress miksub u l-valutazzjoni tal-idoneità għall-fini taż-żewġ punti tad-dħul għal lawrja Ewropea, il-Kummissjoni qed tippjana li tnedi aktar ħidma orjentata lejn il-futur, inkluż biex:

- **tirrevedi l-progress fl-Istati Membri lejn lawrja Ewropea**, flimkien mal-laboratorju tal-politika dwar il-lawrja Ewropea u l-forum dwar il-lawrja Ewropea;
- taħdem mal-Istati Membri biex tiegħu passi ulterjuri lejn l-istabbiliment ta' **status legali għall-alleanzi tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja**³⁰.

Azzjoni:

Il-Kummissjoni qed tippjana li tevalwa l-**progress, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri u l-partijiet interessati**, f'kull pass lejn l-istabbiliment ta' lawrja Ewropea.

Il-Kummissjoni tistieden lill-Istati Membri biex jaħdmu lejn lawrja Ewropea billi jagħmlu użu mill-**appoġġ ipprovdut permezz tal-istrumenti tal-UE u t-tagħlim bejn il-pari**, biex jinvolvu ruħhom fir-riformi meħtieġa.

5.2.8. Monitoraġġ u appoġġ għar-riformi

Il-Kummissjoni hija impenjata haġna li tiżgura appoġġ kontinwu lill-Istati Membri fil-perkors tagħhom lejn riformi effettivi li jwasslu għal lawrja Ewropea u tteggigħom jieħdu passi biex jimmassimizzaw l-użu tal-baġit tal-UE u biex jisfruttaw bis-sħiħ l-appoġġ ta' strumenti ta' finanzjament tal-UE xierqa u eżistenti. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tfakkar lill-Istati Membri dwar ir-rilevanza u l-importanza kbira tal-Monitor tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ u l-proċess tas-Semestru Ewropew fl-appoġġ u l-aċċellerazzjoni tal-pass tar-riformi nazzjonali.

Fir-rigward tal-appoġġ futur lil hinn mill-2027, il-Kummissjoni tfakkar li l-proposta tagħha għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss u l-eżitu relatat tan-negożjati ma jistgħux jiġu ppreġudikati f'dan l-istadju.

Azzjoni:

Il-Kummissjoni qed tippjana li tappoġġja lill-Istati Membri fir-riformi tagħhom lejn lawrja Ewropea u tistedinhom **jagħmlu użu mill-istrumenti xierqa tal-UE** biex jinvolvu ruħhom fir-riformi meħtieġa.

6. Konklużjoni

³⁰Kif imħabbar fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar strateġija Ewropea għall-universitajiet, tat-18 ta' Jannar 2022, COM(2022) 16 final.

B'din il-Komunikazzjoni dwar pjan ta' azzjoni lejn lawrja Ewropea, il-Kummissjoni tistieden lill-Istati Membri, lill-gvernijiet reġjonali kompetenti u lill-komunitajiet tal-edukazzjoni għolja tagħhom biex jingħaqdu flimkien għall-benefiċċju tal-istudenti, l-impjegaturi, l-universitajiet u l-Unjoni Ewropea kollha kemm hi.

Il-lawrja Ewropea hija maħsuba bħala soluzzjoni volontarja u flessibbli biex jingħelbu l-ostakli eżistenti li jipprevjenu liż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni milli tilħaq il-potenzjal sħiħ tagħha. L-approċċ fi stadji se jippermetti lis-sistemi edukattivi kollha, b'rispett sħiħ tad-diversità tagħhom, jagħżlu l-punt tad-dħul tagħhom fil-perkors lejn lawrja Ewropea. L-Istati Membri se jkunu f'pożizzjoni ta' tmexxija u javvanzaw bil-pass tagħhom stess b'appoġġ mill-Kummissjoni biex jiffaċilitaw id-djalogu u t-tagħlim bejn il-pari, jipprovdu inċentivi u jesploraw sinerġiji ma' inizjattivi oħra.

Bħalma l-Erasmus+ kellu effetti kollaterali fil-ħolqien ta' aktar opportunitajiet ta' skambju u ambjent ta' tagħlim aktar flessibbli, il-lawrja Ewropea tgħin biex il-programmi edukattivi konġunti jsiru aktar mifruxa għall-istituzzjonijiet kollha tal-edukazzjoni għolja, b'rispett sħiħ tas-sussidjarjetà.

Billi nieħdu pass ulterjuri lejn il-ħolqien ta' lawrja Ewropea, u billi ningranaw id-dimensjoni Ewropea unika tagħhom, qed nonoraw l-isforzi kollaborattivi tranżnazzjonali tal-istituzzjonijiet Ewropej tal-edukazzjoni għolja biex jipprovdu lill-istudenti b'opportunitajiet bla preċedent għat-tkabbir personali, il-kisba akkademika, u ċ-ċittadinanza Ewropea, li jagħtuhom opportunità aħjar biex jirnexxu fl-ekonomija globali tal-lum.

Lawrja Ewropea tħejji lill-istudenti biex jinnavigaw u jirnexxu f'dinja fejn l-isfidi u l-opportunitajiet ma għandhomx fruntieri. Dan huwa l-mod kif għandna nħejju lill-istudenti tagħna biex mhux biss jipparteċipaw fl-ekonomija globali iżda biex imexxuha. **B'dan il-mod, mhux biss qed inżidu l-kompetittività tal-Unjoni tagħna, inkunu qegħdin nikkontribwixxu għal dinja aktar prospera u aktar konnessa.**